

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-6 ta' Ġunju 2007 —
Parlante vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-432/04) ⁽¹⁾

(“Servizz Pubbliku — Uffiċjali — Promozzjoni — Proċedura ta' promozzjoni 2003 — Rifjut ta' promozzjoni — Attribuzzjoni tal-punti ta' promozzjoni — Eżami komparattivi tal-merti — Trattament ugwali — Dispożizzjonijiet ġenerali ta' eżekuzzjoni ta' l-Artikolu 45 tar-Regolamenti tal-Persunal — Eċċezzjoni ta' illegalità — Aspettattivi leġittimi”)

(2007/C 170/38)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Walter Parlante (Enghien, il-Belġju) (rappreżentant: L. Vogel, Avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: C. Berardis-Kayser u M. Velardo, aġenti)

Suġġett tal-kawża

Domanda għall-annulament, minn naħa, tad-deċiżjoni ta' l-Awtorità tal-Ħatra tal-5 ta' Lulju 2004 li tiċħad l-ilment tarrikorrent kontra d-deċiżjoni ta' l-istess awtorità li rrifjutatlu l-promozzjoni għall-grad C1 għas-sena ta' promozzjoni 2003 u, min-naħa l-oħra, safejn huwa neċessarju, tad-deċiżjoni li kienet is-suġġett ta' dan l-ilment.

Dispożittiv tas-sentenza

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Kull parti tbat i-ispejjeż tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 6 tat-8.1.2005.

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-6 ta' Ġunju 2007 —
Davi vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-433/04) ⁽¹⁾

(“Servizz Pubbliku — Uffiċjali — Promozzjoni — Proċedura ta' promozzjoni 2003 — Rifjut ta' promozzjoni — Għoti ta' punti ta' promozzjoni — Eżami komparattivi tal-merti — Trattament ugwali — Dispożizzjonijiet ġenerali ta' implementazzjoni ta' l-Artikolu 45 tar-Regolamenti tal-Persunal — Eċċezzjoni ta' illegalità — Aspettattivi leġittimi”)

(2007/C 170/39)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Angela Davi (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: L. Vogel, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentant: inizjalment J. Currall, u wara C. Berardis-Kayser u M. Velardo, aġenti)

Suġġett tal-Kawża

Talba għall-annullament, minn naħa, tad-deċiżjoni ta' l-Awtorità Investita bis-Setgħa tal-Ħatra tat-2 ta' Lulju 2004 li tiċħad l-ilment tarrikorrenti kontra d-deċiżjoni ta' l-istess Awtorità li rrifjutat li tagħtiha l-promozzjoni għall-grad C2 għall-proċedura ta' promozzjoni 2003 u, min-naħa l-oħra, safejn huwa neċessarju, tad-deċiżjoni li kienet is-suġġett ta' dan l-ilment.

Dispożittiv tas-sentenza

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) Kull parti għandha tbat i-ispejjeż tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 6 tat-8.1.2005.

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-6 ta' Ġunju 2007 —
Walderdorff vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-442/04) ⁽¹⁾

(“Servizz pubbliku — Uffiċjali — Promozzjoni — Proċedura ta' promozzjoni 2003 — Rifjut ta' promozzjoni — Allokazzjoni tal-punti ta' promozzjoni — Eżami komparattivi tal-merti — Trattament ugwali — Dispożizzjonijiet ġenerali għall-eżekuzzjoni ta' l-Artikolu 45 tar-Regolamenti tal-persunal — Eċċezzjoni ta' illegalità — Aspettattivi leġittimi”)

(2007/C 170/40)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Andrea Walderdorff (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: L. Vogel, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: inizjalment J. Currall, imbagħad G. Berscheid u M. Velardo, bħala aġenti)

Suġġett tal-kawża

Talba għal annullament, minn naħa, tad-deċiżjoni ta' l-awtorità tal-ħatra tad-19 ta' Lulju 2004, li tiċħad l-ilment li rrikorrenti ressqet kontra d-deċiżjoni ta' l-istess awtorità, rigward ir-rifjut tal-promozzjoni tagħha għall-grad A4 għall-proċedura ta' promozzjoni 2003 u, min-naħa l-oħra, safejn huwa neċessarju, tad-deċiżjoni li kienet is-suġġett ta' dan l-ilment.